MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 490/2012

**Intercomp Marketing Limited C-20612**

**vs.**

**Saviour Cachia K.I. 312982(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u tnejn u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€652.62) dovuta mill-konvenut lis-socjeta` attrici, rapprezentanti ammont in konnessjoni ma' *"computer hardware"* u servizzi moghtija in konnessjoni ma l-istess, liema "*hardware"* gie mixtri minghand is-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-

Avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ sitt mija u tnejn u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€652.62), bl-imghax legali dekorribbli mit-13 ta’ Lulju 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-Avvviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------